



2023/2158

18.10.2023

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/2158

tas-17 ta' Ottubru 2023

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1478 li jestendi d-dazju kumpensatorju definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/776 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu għall-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta kkonsenjati mit-Turkija, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Turkija kif ukoll jekk le

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikulari l-Artikolu 19 tiegħu,

Billi,

1. MIŻURI FIS-SEĦĦ

- (1) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/776, ⁽²⁾ il-Kummissjoni imponiet dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu.
- (2) Wara investigazzjonijiet antiċirkomvenzjoni, dawn il-miżuri ġew estiżi bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1478 ⁽³⁾, għall-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta kkonsenjati mit-Turkija, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Turkija kif ukoll jekk le, bl-eċċezzjoni ta' dawk prodotti minn Saertex Turkey Tekstil Ltd Şti, Sonmez Asf Iplik Dokuma Ve Boya San Tic A. Ş. u Telateks Tekstil Ürünleri Sanayi ve Ticaret Anonim Şirketi/Telateks Dış Ticaret ve Kompożit Sanayi Anonim Şirketi.

2. PROĊEDURA

2.1. Bidu

- (3) Il-Kummissjoni rċeviet talba għal rieżami interim parzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku. It-talba tressqet minn Fibroteks Dokuma Sanayi Ve Ticaret AS ("l-applikant"), produttur fit-Turkija, u hija limitata fl-ambitu għall-eżami tal-possibbiltà li tingħata eżenzjoni lill-applikant mill-miżuri fis-seħħ.
- (4) Wara li eżaminat l-evidenza ppreżentata mill-applikant u wara konsultazzjoni mal-Istati Membri, u wara li l-industrija tal-Unjoni ngħatat l-opportunità li tikkummenta, il-Kummissjoni bdiet ir-rieżami interim parzjali fl-4 ta' Lulju 2023 "ex officio bil-pubblikazzjoni ta' notifika ta' bidu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽⁴⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/776 tat-12 ta' Ġunju 2020 li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/492 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu (ĠU L 189, 15.6.2020, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1478 tas-6 ta' Settembru 2022 li jestendi d-dazju kumpensatorju definittiv impost mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/776 fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu għall-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta kkonsenjati mit-Turkija, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Turkija kif ukoll jekk le (ĠU L 233, 8.9.2022, p. 18).

⁽⁴⁾ Notifika ta' bidu ta' rieżami interim parzjali tal-miżuri antidumping u kumpensatorji applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti materjali tal-fibra tal-ħġieġ minsuġa u/jew meħjuta li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Eġittu, kif estiżi għall-importazzjonijiet ikkonsenjati mit-Turkiye, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Turkiye kif ukoll jekk le (ĠU C 236, 4.7.2023, p. 7).

2.2. Prodott taħt rieżami

- (5) Il-prodott taħt rieżami huwa materjali ta' faxex u/jew raden tal-fibra tal-ħġieġ b'filament kontinwu minsuġa u/jew meħjuta b'elementi oħrajn jew le, ħlief prodotti li huma impregnati jew impregnati minn qabel (pregreg), u minbarra materjali b'nisġa miftuħa b'ċelloli b'daqs ta' aktar minn 1,8 mm kemm fit-tul kif ukoll fil-wisa' u li jiżnu aktar minn 35 g/m², bħalissa kklassifikati taħt il-kodiċijiet NM ex 7019 61 00, ex 7019 62 00, ex 7019 63 00, ex 7019 64 00, ex 7019 65 00, ex 7019 66 00, ex 7019 69 10, ex 7019 69 90 u ex 7019 90 00 (il-kodiċijiet TARIC 7019 61 00 81, 7019 61 00 84, 7019 62 00 81, 7019 62 00 84, 7019 63 00 81, 7019 63 00 84, 7019 64 00 81, 7019 64 00 84, 7019 65 00 81, 7019 65 00 84, 7019 66 00 81, 7019 66 00 84, 7019 69 10 81, 7019 69 10 84, 7019 69 90 81, 7019 69 90 84, 7019 90 00 81 u 7019 90 00 84) ikkonsenjati mit-Turkija, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mit-Turkija kif ukoll jekk le (il-kodiċijiet TARIC 7019 61 00 83, 7019 62 00 83, 7019 63 00 83, 7019 64 00 83, 7019 65 00 83, 7019 66 00 83, 7019 69 10 83, 7019 69 90 83 u 7019 90 00 83)
- (6) Il-prodott taħt rieżami jintuża biex isaħħaħ ir-rażi termoplastiċi u termosolidifikati fl-industrija tal-kompożiti.

2.3. Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami

- (7) Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2019 sat-30 ta' Ġunju 2023 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami").

2.4. Investigazzjoni

- (8) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment lill-applikant u lir-rappreżentanti tal-Gvern tat-Turkija bil-bidu tar-rieżami. Il-partijiet interessati ġew mistiedna jesprimu fehmietom u kienu mgħarrfa bil-possibbiltà li jitolbu seduta ta' smigħ. Ma saret l-ebda talba ta' dan it-tip.
- (9) Il-Kummissjoni talbet lill-applikant jimla kwestjonarju sabiex tikseb l-informazzjoni li hija qieset neċessarja għall-investigazzjoni tagħha. L-applikant issottometta t-tweġiba għall-kwestjonarju qabel l-iskadenza mogħtija.
- (10) Imbagħad, il-Kummissjoni wettqet żjara ta' verifika fil-bini tal-applikant f'Lulju 2023. Il-Kummissjoni rat li tivverifika l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa bl-għan li tiddetermina jekk l-applikant kienx jissodisfa l-kundizzjonijiet neċessarji.

3. SEJBIEĠ

- (11) L-investigazzjoni kkonfermat li l-applikant huwa produttur ġenwin tal-prodott taħt rieżami u li ma kien relatat mal-ebda esportatur jew produttur Ċiniż soġġett għall-miżuri kompensatorji fis-seħħ. L-investigazzjoni kkonfermat ukoll li l-applikant kien kapaċi jipproduċi l-kwantità kollha li esporta lejn l-Unjoni u li ma għandu l-ebda rabta kummerċjali mal-produtturi esportaturi Ċiniżi jew Eġizzjani fir-rigward tal-produtturi tal-prodott taħt rieżami.
- (12) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-applikant kien jissodisfa l-kundizzjonijiet biex jibbenefika minn eżenzjoni.

4. MODIFIKA TAL-LISTA TA' KUMPAJJI LI JIBBENEFIKAW MINN EŻENZJONI GĦALL-MIŻURI ESTIŻI

- (13) Fid-dawl tas-sejbiet imsemmijin hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li jenħtieġ li l-applikant jiddied mal-lista ta' kumpaniji li huma eżentati mill-miżuri kompensatorji imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1478.
- (14) L-applikant u l-industrija tal-Unjoni ġew infurmati bl-intenzjoni tal-Kummissjoni li teżenta lil Fibroteks Dokuma Sanayi Ve Ticaret AS mill-miżuri kompensatorji fis-seħħ.
- (15) Il-partijiet ingħataw il-possibbiltà li jippreżentaw xi kummenti. Ma wasal l-ebda kumment.
- (16) Dan ir-Regolament huwa f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit mill-Artikolu 25(3) tar-Regolament (UE) 2016/1037,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-tabella li tidher fl-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/1478 hija sostitwita bit-tabella li ġejja:

"Pajjiż	Kumpanija	Kodiċi addizzjonali TARIC
It-Turkija	Saertex Turkey Tekstil Ltd. Şti.	C115
It-Turkija	Sonmez Asf Iplik Dokuma Ve Boya San Tic A. Ş.	C116
It-Turkija	Telateks Tekstil Ürünleri Sanayi ve Ticaret Anonim Şirketi Telateks Dış Ticaret ve Kompozit Sanayi Anonim Şirketi	C117
It-Turkija	Fibroteks Dokuma Sanayi Ve Ticaret AS	899G"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Ottubru 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN